**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 16 TA' SETTEMBRU 2015**

**SPETTUR CHANTELLE CASHA**

**VS**

**FAKHER DHIFAOUI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Fakher Fhifaoui ta' 34 sena, bin Unis u Mbaruka nee' Dhifaoui, mwieled tenzija fit-22 ta' Frar 1981, residenti 61, Joseph Flat 2, Triq San Patrizju Birzebbugia u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 51734A;

Talli nhar is-16 ta' Awwissu 2015 ghal habta tal-04.10hrs gewwa 61, Joseph Flat 2, Triq San Patrizju, Birzebbugia;

1) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Carmen Dhifaoui biza f' tal-inqas zewg okkazjonijiet li ser tintuza vjolenza kontriha kif ukoll;

2) Ikkaguna fuq l-imsemmija persuna llarma jew dwejjaq li jkollu effett avers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta’ kuljum ta’ dik il-persuna kif ukoll;
3) Gab ruhu b’mod li bl-imgieba tieghu ikkaguna biza fuq l-imsemmija persuna li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghha jew subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) kif ukoll;
4) Gab ruhu b’mod lit a fastidju lil martu Carmen Dhifaoui kif ukoll;
5) Gab ruhu b’mod li jkun jaf jew missu kien jaf lid an ikun ta’ fastidju ghall-imsemmija persuna kif ukoll;
6) Ghamel lil martu Carmen Dhifaoui ingurji jew theddid u jekk kien ipprovokat, hareg barra mil-limit tal-provokazzjoni, kif ukoll;
7) Meta kien fit-triq quddiem l-ghassa tal-pulizija Birzebbugia kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 251BA (1)(v)(i(ii), 251B, 251A(1)(a)(b), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet lill-parti leza, debitament assistita, tikkonferma bil-gurament taghha li qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat;

Wara li rat l-Artikoli 543 u 545 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li qieset il-konsiderazzjonijiet kollha msemmija fil-ligi taht l-Artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti tiddikjara dawn il-procedimenti ezawriti.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**